DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 1300** **20. 06. 2013**

**AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI**

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178 tal-2002 u wara informazzjoni li rċieva mis-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (RASFF), id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku, li l-prodott hawn taħt imsemmi m'huwiex ittikkettjat skont il-liġi għax m'għandux iddikkjarat li jikkontjeni l-lattosju li jinstab fil-ħalib.

| | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni tal-Prodott:** | Wholemeal biscuits with Strawberry and Chocolate<br>Galletas Integrales con fresas y chocolate |
| **Ditta:** | DIET Radisson |
| **Użin:** | 210g |
| **Deskrizzjoni tal-maħfen:** | Wrapper tal-plastic |
| **Oriġini:** | Spanja |
| **Dati ta' Durabilità:** | 11.05.13 (skada); 04.07.13; 27.09.13; 14.12.13 |




Il-Kumpanija involuta ġiet obbligata tirtira dan il-prodott mis-suq, iżda peress li rrapurtat li l-konsenji ma nġabrux kollha, bħal ma jsir f'dawn il-każijiet, id-Direttorat huwa obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-konsumaturi.

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat imejl fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab ġewwa Continental Business Centre, Cutrico Buildings, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook http://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626 jew is-sit uffiċjali fuq https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/public_health/environmental-health/department_for_env_health.aspx għal informazzjoni simili.

**Attachments: photo** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt